31 ta' Jannar 2019
17/2019

**ĊELEBRAZZJONIJIET LITURĠIĊI MMEXXIJA MILL-ARĊISQOF CHARLES J. SCICLUNA MATUL FRAR 2019**

Il-Ġimgħa l-1 ta' Frar 2019, fis-6:30 p.m., l-Arċisqof Charles J. Scicluna ser jiċċelebra Quddiesa u jieħu sehem fl-investitura tal-Ordni Militari Sovran ta' Malta, fl-Oratorju tal-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta.

Is-Sibt 2 ta' Frar, fil-5:30 p.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa fil-festa tal-Preżentazzjoni tal-Mulej, fil-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta. Il-Quddiesa ser tixxandar live fuq il-Youtube Channel tal-Knisja f'Malta.

Is-Sibt 9 ta' Frar, fil-5:15 p.m., lejlet il-festa tan-Nawfraġju ta' Missierna San Pawl, Monsinjur Arċisqof imexxi Traslazzjoni Solenni tar-Relikwa u l-Ewwel Għasar Solenni, fil-Knisja Parrokkjali ta' San Pawl Nawfragu, il-Belt Valletta.

Il-Ħadd 10 ta' Frar, fid-9:00 a.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Pontifikal Solenni fil-festa tan-Nawfraġju ta' Missierna San Pawl, fil-Knisja Parrokkjali ta' San Pawl Nawfragu, il-Belt Valletta.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju
Il-Furjana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1
Il-Furjana, FRN 1520

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** media@maltadiocese.org
**www.knisja.mt**